**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 17 ta' Lulju, 2020**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Frank Sammut)**

**vs**

**Massanje Kone**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Massanje Kone ta' nazzjonalita tal-Kosta tal-Avorju bint kone u Sanogo, residenti App B8 Floor 3 Triq ix-Xatt ta' San Gorg, San Giljan u detentrici tan-numru tal-Pulizija 18E-021, imwielda Orienne fil-21 ta' Gunju, 2020

Akkuzata talli fis-16 ta' Lulju, 2020 u jew fil-jiem ta' qabel din id-data iffalsifikat, bidlet jew ghamlet xi tibdil f' passaport, jew uzat jew kellha fil-pussess taghha xi passaport, li hi kienet taf li gew iffalsifikati, imbidla jew sar xi tibdil fihom f' isem

Kone Massange bin-numri MD7549689 kif ukoll permesso di soggiorno numerat 1141840703 rispettivament

Kif ukoll akkuzata talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikat, fid-dokumenti fuq imsemmija

Kif ukoll akkuzata talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi minghajr awtorita legittima uzat jew kellha fil-pussess taghha xi dokument, mehtieg ghall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikati skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputata kif registrata fl-atti waqt l-udjenza tas-17 ta' Lulju, 2020 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegeb li hija hatja, din il-Qorti wissietha b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha u kien biss wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Semghat is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputata, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kap 61 Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 17 u 189 tal-Kodici Kriminali u l-Art 32(1)(f) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u tikkundannaha sitt (6) xhur prigunerija.

**MAGISTRAT**

Graziella Abela

Deputat Registratur